

22003D0094

23.10.2003

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 272/31

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE**Nru 94/2003****tal-11 ta' Lulju 2003****li temenda l-Anness XXI (l-Istatistika) tal-Ftehim taż-ŻEE**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jimmodifika l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u partikolarment l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness XXI ta' mal-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 62/2003 tas-16 ta' Mejju 2003 ⁽¹⁾.
- (2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 6/2003 tat-30 ta' Diċembru 2002 li jikkonċerna t-tixrid ta' tagħrif statistiku dwar il-ġarr stradali ta' merkanzija ⁽²⁾ ikollu jiġi inkorporat fil-Ftehim.
- (3) Din id-Deċiżjoni ma tapplikax għall-Islanda,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Il-punt li ġej għandu jiddaħħal wara l-punt 7f (ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1172/98) ta' l-Anness XXI ta' mal-Ftehim:

"7g. **32003 R 0006:** Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 6/2003 tat-30 ta' Diċembru 2002 li jikkonċerna t-tixrid ta' tagħrif statistiku dwar il-ġarr stradali ta' merkanzija (ĠU L 1, ta' l-4.1.2003, p. 45).

Għall-finijiet tal-Ftehim preżenti, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom jinqraw ma' l-adattamenti li ġejjin:

Dan ir-Regolament ma għandux japplika għall-Islanda."

Artikolu 2

It-test tar-Regolament (KE) Nru 6/2003 fl-ilsien Norveġiż, li jrid jiġi ppubblikat fis-Suppliment taż-ŻEE fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*, għandu jkun awtentiku.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-12 ta' Lulju 2003, iżda n-notifiki kollha fl-Artikolu 103(1) tal-Ftehim iridu jkunu saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-taqsimha taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussel, fil-11 ta' Lulju 2003.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

H. S. H. Prinz Nikolaus von LIECHTENSTEIN

⁽¹⁾ ĠU L 193, tal-31.7.2003, p. 50.

⁽²⁾ ĠU L 1, ta' l-4.1.2003, p. 45.

(*) L-ebda hteġa kostituzzjonali ma hi indikata.